MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**IAN SPITERI BAILEY**

Seduta ta' l-4 ta' Lulju, 2008

Talba Numru. 126/2007

**Yvonne Xerri ID : 578949(M)**

**Vs**

**B&M Supplies Ltd**

**It-Tribunal,**

Ra l-**Avviz** fl-ismijiet premessi pprezentat fid-9 ta' Frar 2007 li permezz tieghu l-attrici talbet is-somma ta' mitejn u hamsa u tletin Liri Maltin (LM235) ghall-madum ta' l-art u l-ispejjez tal-haddiema, u dan ghaliex hmistax wara li tqieghed il-madum ta' l-art li hija xtrat minn ghand is-socjeta` konvenuta, beda jfarfar il-"gloss" tieghu. Illi l-kumpanija konvenuta offriet bhala kumpens kaxxa madum biss u dan meta dan il-madum skond il-kumpanija huwa ta' prima kwalita`.

Ra r-**Risposta** tas-socjeta` konvenuta B&M Supplies Limited datata 14 ta' Marzu 2007 li permezz taghha gie eccepiet illi t-talbiet attrici huma nfondati fil-fatt u fid-dritt stante illi (1) ix-xoghol ikkonsenjat lill-attrici kien dak ordnat u pattwit bejn il-partijiet, (2) is-socjeta` konvenuta ma' tahtix ghal kwalunkwe hsara jew dannu allegatament soffert mill-attrici u kwindi s-socjeta` konvenuta m'ghandha taghti l-ebda somma lill-attrici kif minnha mitlub. Bl-ispejjez kontra l-attrici u bir-riserva ta' kwalunkwe azzjoni tas-socjeta` konvenuta kontra l-istess attrici.

Ra x-xhieda kollha prodotti u d-dokumenti kollha esebiti.

Sema` d-difensuri tal-partijiet u ra illi l-kawza thalliet ghal-lum ghad-decizjoni.

Ikkunsidra :

Illi l-attrici qed titlob ir-rifuzjoni ta' €547.40, prezz ta' madum ta' l-art u spejjez minnha maghmula u dan peress illi l-madum farfar il-gloss tieghu.

Minn naha taghha s-socjeta` konvenuta` tghid illi l-madum kkonsenjat kien tal-kwalita` pattwita u ma ghanda tirrispondi ghal-ebda dannu.

Ikkunsidra ulterjorment :

Illi kif jirrizulta minn Dok YX I8 (a fol 13), il-kaz spicca ntavolat quddiem dan it-Tribunal peress illi l-kaz kif kien intavolat mill-attrici quddiem it-Tribunal ghal Talbiet tal-Konsumatur ma setghax ikompli jinstema` minn dak it-Tribunal minhabba kunflitt ta' interess ta' l-arbitru, u ghalhekk, l-attrici, permezz tas-Segretarju tat-Tribunal ghal Talbiet tal-Konsumatur, kienet diretta tintavola l-proceduri mill-gdid quddiem dan it-Tribunal.

*Illi t-Tribunal jiddeplora dan il-fatt u filwaqt illi ma hemmx dubbju illi ghalkemm dan il-kaz gie issa quddiem it-Tribunal ghal Talbiet Zghar u ma hemm xejn fil-ligi illi jzomm lil dan it-Tribunal milli jiehu konjizzjoni ta' l-istess u*

*jiddeciedi kaz bhal dan, pero,` it-Tribunal ihoss illi jekk hemm, statutorjament, Tribunal ghal Talbiet tal-Konsumatur – allura ma ghandux ikun illi persuna tibda` kaz quddiem tali Tribunal u jkollha terga` tistitwixxi l-istess proceduri quddiem dan it-Tribunal sempliciment ghax "l-arbitru (fit-Tribunal ghal Talbiet tal-Konsumatur) ghandu kunflitt ta' nteress" f'dik il-kawza.*

*Dan it-Tribunal, f'gieh il-gustizzja u l-ekwita`, sejjer bla dubbju jasal biex jiddeciedi hu din il-pendenza bejn il-kontendenti – izda jhoss illi mhux sewwa u giust ghal cittadin illi jkollu jintavola zewg proceduri dwar l-istess mertu quddiem zewg Tribunali diversi – u l-legislatur ghandu jara illi anomalija bhal din tigi solvuta kif misthoqq sabiex jkunu evitati proceduri doppji, spejjes doppji u rizorsi doppji fuq l-istess pendenza u mertu bejn tnejn minn nies.*

*Dan it-Tribunal b'ebda mod mhu ser jabdika mir-responsabbilita` tieghu – id-decizjoni sejjer jehodha. Izda jhoss li huwa opportun illi dan l-istat ta' fatt jingieb ghall-ahjar attenzjoni ta' l-awtoritajiet koncernati, jekk hemm bzonn sabiex isiru tibdiliet legislattivi fil-ligijiet opportuni, sabiex meta u jekk Arbitru ma jkunx jista` jservi fuq kaz quddiem it-Tribunal ghal Talbiet tal-Konsumatur, ma jkunx hemm ghalfejn illi persuna terga` tintavola proceduri quddiem Bord jew Tribunal iehor.*

*Dan mghadud pero`, it-Tribunal irid jaghmel referenza ghall-Artikolu 17 tal-KAP 378 tal-Ligijiet ta' Malta u jinnota illi arbitru tat-Tribunal ghal Affarijiet tal-Konsumatur ghandu jkun presedut minn arbitru wiehed, izda l-Prim Ministru jista` jahtar aktar minn arbitru wiehed. Dan it-Tribunal ma jafx kemm il-arbitru hemm mahtura ghal dan il-ghan, izda jekk hemm wiehed biss allura forsi huwa opportun illi jkun hemm almenu iehor, u jekk gja hemm arbitru iehor appuntat, allura is-Segretarju tat-Tribunal ghal talbiet tal-Konsumatur ghandu jara illi persuna ma tergax tigi rinfaccjata b'sitwazzjoni bhal din, u fejn arbitru ghandu kunflitt ta' interess, allura l-kaz jinstema` u jigi deciz minn arbitru iehor.*

*Huwa f'dan il-kuntest illi dan it-Tribunal sejjer jordna illi din is-sentenza tigi notifikata lill-awtoritajiet kollha li jista` b'mod jew iehor ikollhom interess jirrizolvu din l-anomalija fl-ahjar interess tac-cittaddin u t-thaddim tal-Ligijiet ta' Malta u tal-gustizzja, sabiex il-gustizzja mhux biss issir, imma ukoll tidher illi qed issir.*

In kwantu issa ghall-mertu ta' din il-pendenza, it-Tribunal jikkonsidra illi :

L-attrici xehdet (26.10.07) li kienet xtrat il-madum u kien biss wara xi hmistax illi bdiet tara l-madum jiccippja. Tghid illi meta marret ghand is-socjeta` konvenuta offrielha kaxxa madum b'kumpens wara li ma accettatx illi jinbiddlu l-madumiet difettuzi. Esebiet numru ta' ritratti ta' kull maduma difettuza. Tghid wkoll illi ma accettatx offerta li tiehu l-madum b'xejn bl-ispejjes tat-tqeghid ghaliha.

Xehed Charles Cassar, (26.10.07), li kien il-persuna illi pogga l-madum ghand l-attrici. Jghid illi meta twahhal il-madum dan kien perfett, izda xi tlett xhur wara kien rega` acceda fuq talba ta' l-attrici u nnota hafna tikek bojod fuq il-maduma. Eskluda illi saru xi hsarat waqt it-tqieghed tal-madum.

Giet esebita wkoll ricevuta fiskali fl-ammont ta' mitejn u erbghin (Lm240) mahruga minn Carmel Cassar fit-22 ta' Lulju 2005, u kif wkoll ricevuta originali ta' Saviour Camilleri ghal xogholijiet ohra (fol 24) ancillari fil-kamra tal-banju tal-attrici fl-ammont ta' mija u sebghin (Lm170).

Xehed Robert Gatt in rappresentanza tas-socjeta` konvenuta li qal illi huma kkonsenjaw il-madum maghzul mill-attrici. Jghid wkoll illi wara illi mar jara l-ilment ta' l-attrici huwa kien offra li jtiha kaxxa madum sabiex tbiddel dawk il-madumiet li gew iccippjati. Jghid illi wara t-tieni access li ghamel sab aktar madum iccippjat u li s-socjeta` konvenuta "*as a gesture of good will dejjem konna disposti li nirriplesjaw it-tiles li kienu gew iccippjati – pero` s-Sinjura ma accettatx*". Hu pprezenta wkoll kopja ta' l-order form – Dok RG1.

Jghid ukoll illi s-socjeta` konvenuta qed tissusspetta illi seta` waqa` xi haga fuq l-sitess madum u kkawza l-hsara illi ghandhom illum. Izda ghat-Tribunal, mhux bizzejjed illi jkun hemm dan is-suspett u jintqal mill-ewwel illi dan is-suspett b'ebda mod ma giet fondat u ppruvat fil-kors ta' dawn il-proceduri. Anzi, kemm l-attrici u kemm mminn wahhal il-madum eskluda tali allegat akkadut.

Harsa lejn l-istess Dok RG1 u partikolarment klawsola 11 "*Warranties*" turi illi l-oggett, l-madum mixtri mill-attrici huwa kopert b'garanzija ta' 24 xahar "*against faulty materials or workmanship*".

Mill-assjen tal-provi, it-Tribunal ma jhossx illi s-socjeta` konvenuta ressqet prova bizzejjed biex tikkonvincih illi l-hsara hija rizultat ta' impatt li sehh mal-madum, waqt it-tqeghid tieghu jew wara, kif tallega is-socjeta` konvenuta u kif gja ntqal aktar il-fuq. Anzi, in kwantu kif graw l-affarijiet, kif anke kkonfermat mill-istess Robert Gatt, illi minn darba ghall-ohra zdidet il-hsara u liema hsara hija konsistenti f'madum li jigi iccipjat u mhux cracks, u dan kemm f'madum imwahhal mal-hajt u kemm f'madum ma' l-art.

Inoltre` irid jinghad illi l-hsara fuq il-madum per se ma jidhirx illi huwa kkontestat mis-socjeta` konvenuta. It-Tribunal ihossu komdu jikkonkludi illi l-madum kkonsenjat mis-socjeta` konvenuta kien fih difett fih li qed iwassal sabiex jsofri cipjaturi – zgur illi f'kamra tal-banju gdida wiehed ma ghandux jippretendi illi l-madum isofri tali difett wara appena ftit gimghat.

Ghaldaqstant, it-Tribunal, wara li qies ic-cirkostanzi kollha tal-kaz, il-provi u d-dokumenti kollha mressqa u wara li sema` l-abbli difensuri tal-partijiet, b'ekwita` jaqta` u jiddeciedi billi filwaqt illi jichad l-eccezzjonijiet tas-socjeta` konvenuta, jilqa` t-talba attrici u jordna illi s-socjeta` konvenuta thallas lill-attrici s-somma ta' hames mija u seba` u erbghin Euro u erbghin Euro Cents (€547.40) ekwivalenti ghal mitejn u hamsa u tletin Liri Maltin (LM235), kif u ghar-raguni mitluba fl-Avviz.

Bl-ispejjez kontra l-istess socjeta` konvenuta.

It-Tribunal jordna, in vista ta' dak hawn fuq dikjarat (in italics) illi d-Direttur tal-Qrati u Tribunali Civili ghandu jibghat kopja ta' din is-sentenza lill-Onorevoli Prim Ministru, Onor. Ministru Tonio Fenech, id-Direttur (Affarijiet tal-Konsumatur) u s-Segretarju (Tribunal ghal Talbiet tal-Konsumatur).

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------